**7 ta' Lulju, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Giuseppe Mifsud Bonnici B.A., LL.D.**

Alfred Sammut

*versus*

Sammy Meilaq *noe*

***Overtime* – Dritt Soġġettiv – Dritt ta' Azzjoni – Eżerċizzju ta' Dritt – Rinunzja ta' Dritt – Abolizzjoni ta'**

## Dritt Soġġettiv – Abolizzjoni ta' Dritt ta' Azzjoni – Abrogazzjoni – Dritt Transitorju – Drittijiet Akkwiżiti u Implimentati

*L-attur fittex għal dikjarazzjoni li kien intitolat għal overtime qabel ma nbiddlu l-kondizzjonijiet tax-xogħol tiegħu li allega ġew illegalment mibdula. Il-kontenzjoni ta' l-attur kienet illi nbidlet kondizzjoni fil-kuntratt tax-xogħol tiegħu għal waħda anqas vantaġġjuża minn dik li kellu qabel mingħajr skond il-liġi in vigore dak il-mument il-kunsens tad-Direttur tax-Xogħol.*

*Il-Qorti sabet illi kull min għandu dritt u ma jeżerċitahx ikun qed jaċċetta li d-dritt li għandu ma jinfurzahx. Din ma tfissirx li huwa rrinunzja għad-dritt, imma sakemm ma jeżerċitahx, ikun qed jaċċetta l-posizzjoni kontrarja għal dak id-dritt tiegħu.*

*L-abolizzjoni tad-dritt soġġettiv iġġib magħha l-abolizzjoni tad-dritt ta' azzjoni biex jipprevali dak id-dritt soġġettiv. Fid-dritt transitorju meta liġi tiġi aborgata, jiġu slavagwardati d-drittijiet akkwiżiti u implimentati, imma qatt ma jingħata dritt li dak li ma ġiex implimentat meta l-liġi kienet in vigore, jiġi implimentat u inforzat mill-Qrati, meta l-liġi tiġi abrogata.*

L-att ta' ċitazzjoni jaqra hekk:

Billi l-attur huwa impjegat fit-Tarzna ta' Malta u għal snin sħaħ qabel l-1979 kien jokkupa il-grad ta' "*Welder burner*";

Billi l-attur fi tliet inċidenti separati fuq il-post tax-xogħol tiegħu sofra ġrieħi waqt il-qadi tad-dmirijiet tiegħu, u dana kif jirriżulta b'mod aktar preċiż waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Billi fl-1979 il-Bord Mediku tat-Tarzna rrakomanda li x-xogħol ta' "*Welder-bruner*" ma jibqax jiġi assenjat lill-attur u minflok huwa ġie assenjat ix-xogħol ta' sewwieq ta' "*heavy plant*

*machinery''* magħruf bħala *Mercury Tractor;*

Billi fl-1983, l-attur beda jirċievi paga mnaqqsa b'madwar *sitt liri (Lm6)* kull ħmistax u dana mingħajr qatt ma ta l-kunsens tiegħu għal dan kif ukoll qed jiġi eskluż minn xogħol ta' *overtime* li bi dritt imiss lilu u dana mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

Billi meta pprotesta dwar dan l-aġir tal-*Management* tat-Tarzna mal-Kumitat tax-Xogħol, mas-Segretarju tat-Taqsima tal-Metall tal-*General Workers Union* li tagħha huwa kien membru, u max-*Shopsteward* huwa ġie mogħti raġun verbalment;

Billi kemm it-tnaqqis fil-paga kif ukoll l-esklużjoni tiegħu mill-*pool* ta' *l-overtime* jikkostitwixxu bdil unilaterali tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' l-attur;

Billi meta sar, dan it-tibdil kien imur ukoll kontra l-artikolu 25(15) tal-*Conditions of Employment (Regulations) Act, 1952,* billi tali bdil lanqas ma sar bil-kunsens bil-miktub tad-Direttur tax-Xogħol;

Billi għalkemm interpellat sabiex l-attur jiġi mqiegħed fl-*istatus quo ante,* il-konvenut baqa' inadempjenti;

Jgħid il-konvenut għaliex dina l-Qorti ma għandhiex (1) tiddikjara illi l-attur għandu dritt għall-istess paga li kellu bħal meta kien *Welder Burner,* u dana minħabba illi l-kondizzjonijiet tax-xogħol tiegħu ġew mibdula, għar-raġunijiet fuq imsemmija, **illegalment** (2) konsegwentement ukoll tiddikjara illi l-attur għandu dritt illi jipparteċipa fil-post ta' l-*overtime* bħal qabel il-bdil tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tiegħu kif fuq ingħad;

B'riserva ta' kull azzjoni għal-likwidazzjoni ta' kwalunkwe ħlas lilu dovut bħala riżultat ta' l-akkoljiment taż-żewġ talbiet tiegħu hawn fuq imsemmija u ħlas konsegwenzjali;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tal-15 ta' Diċembru, 1983 kontra l-konvenut minn issa inġunt għas-subizzjoni;

L-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* jinkludu: 1. it-talbiet attriċi huma bbażati fuq fatti żbaljati; 2. l-attur ġie mogħti l-impieg bħala *"mercury truck driver"* flok ta' *"welder burner"* fuq talba tiegħu stess u konsegwentement jitħallas bħala tali – almenu llum; 3. illi l-parteċipazzjoni f'xogħol wara l-ħin jiddependi mill-esiġenzi tax-xogħol u m'hemmx *"pool"* speċjali għal hekk;

1. Fi Frar 1966, l-attur laħaq il-grad ta' *"assistant burner welder"* fit-Tarzna, u f'Settembru 1974 laħaq il-grad sħiħ ta' *Welder/burner* – dokument MDDI. F'Ottubru 1978 huwa talab biex jaħdem bħala *"truck-driver"* fuq il-vetturi magħrufin bħala *"mercury"* liema talba, ma ġietx aċċettata. L-attur reġa' talab f'Marzu 1979 – u din id-darba ġiet aċċettata u huwa beda jaħdem bħala *"truck driver"*. Dan huwa grad inferjuri għal dak ta' *burner/welder*, imma l-attur baqa' jitħallas bir-rata li kellu qabel;

F'Awissu 1983, din is-sitwazzjoni anomala, ġiet riprestinata fis-sens illi l-paga ta' l-attur tnizzlet biex tikkonforma max-xogħol li kien qed jagħmel ta' *driver*. Saret eċċezzjoni għal dawk li kellhom jagħmlu xogħol inferjuri għal dak li suppost jagħmlu – jekk dan kien dovut għal xi korriment fuq ix-xogħol. L-attur applika għal din l-eċċezzjoni imma ma kkwalifikax, għaliex il-

kontrolli mediċi kienu kollha negattivi. L-attur dejjem kellu l-opportunità li jirritorna għall-grad tiegħu bħala *burner/welder*, imma dan il-pass m'għamlu qatt;

2. Fit-22 ta' Novembru 1982 – sadanittant l-Att XI ta' l-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ġie emendat u fost emendi oħra kien hemm ipprovdut li:

"ebda kondizzjoni f'dak il-kuntratt (i.e. kuntratt tax-xogħol) ma tista' ssir anqas ta' vantaġġ għall-impjegat, mingħajr il-kunsens bil-miktub tad-Direttur.....u jekk dik il-kondizzjoni ssir anqas ta' vantaġġ għall-impjegat mingħajr dak il-kunsens, l-impjegat iżomm id-drittijiet kollha tiegħu taħt il-kuntratt daqs li kieku.....il-kondizzjoni ma tkunx saret anqas ta' vantaġġ għall-impjegat;

Iżda l-kunsens tad-Direttur ikun bla ħsara għal kull jedd ta' l-impjegat li jikseb rimedju kontra l-prinċipal taħt din il-liġi jew taħt xi liġi oħra" – artikolu 34(11);

Din l-emenda ġiet abrogata u ma baqgħetx parti mil-liġi mill-1 ta' Jannar 1988;

3. Il-pretensjoni ta' l-attur hija li meta f'Awissu 1983, il-konvenut *nomine* beda jħallsu bir-rata tal-paga ta' *truck driver* flok ta' *welder burner*, dan sar kontra l-liġi nkwantu nbidlet kondizzjoni tal-kuntratt tax-xogħol ta' l-attur, anqas vantaġġjuża minn dik li kellu qabel, u din saret mingħajr il-kunsens bil-miktub tad-Direttur tax-Xogħol;

Għall-grazzja ta' l-argument il-Qorti se taċċetta din il-pretensjoni. Imma din il-pretensjoni timplika li l-attur wara li

għamlet Protest Uffiċjali fil-15 ta' Diċembru 1983 aċċetta dik is-sitwazzjoni għal aktar minn erba' snin, sakemm ippreżenta ċ-ċitazzjoni fl-24 ta' Mejju 1988. L-aċċettazzjoni ta' l-attur kienet kompleta tant illi huwa ttanta li jiġi kkunsidrat bħala eċċezzjoni għar-regola, a bażi tal-korriment fuq ix-xogħol, – biex jibqa' jaħdem ta' *driver* u jieħu l-paga ta' *welder*. Kull min għandu dritt u ma jeżerċitahx ikun qed jaċċetta li d-dritt li għandu ma jinfurzahx. Din ma tfissirx li huwa rrinunzja għad-dritt, imma sakemm ma jeżerċitahx, ikun qed jaċċetta l-posizzjoni kuntrarja għal dak id-dritt tiegħu;

Meta l-attur iddeċieda li jaġixxi, f'Mejju 1988, dak id-dritt soġġettiv mogħti mil-liġi, kien ġie abrogat u ma kienx għadu jeżisti u l-Qorti ma tistax illum tiddikjara li l-attur għandu xi dritt bħal dan, meta m'hemmx liġi li tgħatihulu u lanqas ma tista' tiddikjara li dritt li huwa kellu fil-passat u ma eżerċitahx, illum jista' jimplimentah. Anzi d-difett ta' l-**azzjoni** ta' l-attur huwa aktar radikali, għaliex ma' l-abolizzjoni tad-dritt soġġettiv ġie abolit ukoll **id-dritt ta' azzjoni** biex jipprevali dak id-dritt soġġettiv;

Fid-dritt transitorju, meta liġi tiġi abrogata, jiġu salvagwardati d-drittijiet akkwiżiti u implimentati, imma qatt ma jingħata d-dritt li dak li ma ġiex implimentat meta l-liġi kienet *in vigore*, jiġi implimentat u inforzat mill-Qrati, meta l-liġi tiġi abrogata. Il-kontradizzjoni hija pależi u m'għandhiex bżonn dimostrazzjoni ulterjuri;

Naturalment il-posizzjoni kienet tkun ferm differenti kieku l-attur, qabel l-1 ta' Jannar 1988 kien laħaq intavola kawża kontra l-konvenut *nomine* – għaliex f'dak il-każ id-drittijiet tiegħu kienu jkunu radikati għaliex esegwiti u implimentati biex

jiġu infurzati mill-organi ġudizzjarji *ta' l-Istat* u *dawk id-drittijiet* ma jkunux jistgħu jiġu aboliti jew imħassra mingħajr kompensazzjoni – artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

4. Għal dak li jirrigwarda t-tieni parti tad-domanda – billi ma rriżultax li hemm xi "*pool*" ta' l-"*overtime*" u l-attur kellu ideja żbaljata kif huma, jew kien, organizzat ix-xogħol barra l-ħinijiet normali;

5. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad it-talba ta' l-attur;

Minħabba d-diffikoltà tal-punt ta' dritt rigward il-forza transitorja ta' liġijiet li jiġu abrogati liema kwistjoni ma tirrikorrix spiss – l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.